



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

MT

# Opinjoni 05/2022

(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)

**dwar il-proposta tal-Uffiċċju  
tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew  
għal emenda tal-Kundizzjonijiet  
tal-Impjieg tal-Prosekuturi Delegati  
Ewropej bil-ħsieb li tiġi introdotta  
l-allowance għal wild dipendenti  
fir-rimunerazzjoni tagħhom**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	01
<b>Kummenti ġenerali</b>	02
<b>Kummenti speċifiċi</b>	03 - 05
<b>Sistema ta' kontroll</b>	03 - 04
<b>Rekwiżiti baġitarji</b>	05

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2017/1939](#) tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"),

Wara li kkunsidrat id-[Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tal-UPPE](#) tad-29 ta' Settembru 2020, kif emendata u supplimentata, li tistabbilixxi r-regoli dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-talba indirizzata mill-UPPE fil-25 ta' April 2022 lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għal opinjoni dwar il-proposta tagħha għal emenda għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej bil-ħsieb li tiġi introdotta l-allowance għal wild dipendenti fir-rimunerazzjoni tagħhom,

Billi:

- (1) Attwalment l-UPPE ma jħallasx allowances għall-ulied dipendenti lill-Prosekuturi Delegati Ewropej, iżda dawn l-impjegati jirċievu r-[rifużjonijiet tat-taxxa tal-UE](#) assoċjati fis-salarju tagħhom.
- (2) F'sentenza<sup>1</sup> tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, inċidentalment ġie kkonfermat li impjegati tal-UE li mhumiex intitolati għal allowance għal wild dipendenti, u li ma jirċevuhiex mill-impjegatur tal-UE tagħhom, mhumiex intitolati għar-rifużjonijiet korrispondenti tat-taxxa fuq is-salarju tal-UE tagħhom, kif previst fir-[Regolament tal-Kunsill \(KEFA, KEE, Euratom\) Nru 260/68](#) tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej.

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

---

<sup>1</sup> Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Marzu 2020 fil-Kawża T-484/18.

## Introduzzjoni

**01** L-UPPE jipproponi li jinbidlu l-Artikoli 14 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tiegħu li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej (PDE) biex jiġu inklużi allowances għall-ulied dipendenti fir-rimunerazzjoni tal-PDE.

- (1) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu (1), tiddaħħal dispożizzjoni ġdida wara l-ittra b): “b<sup>1</sup>) l-allowances għall-ulied dipendenti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 67 u fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li għandhom japplikaw b’analoġija;”
- (2) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu (2) huwa emendat kif ġej: “Għall-fini tal-paragrafu (1), ir-rimunerazzjoni totali mħallsa mill-UPPE għandha tikkonsisti fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 14 (1) a), b) u b<sup>1</sup>).”

## Kummenti ġenerali

**02** Il-Qorti ma għandhiex kummenti ġenerali x’taġġmel dwar l-emenda proposta mill-UPPE.

## Kummenti speċifiċi

### Sistema ta’ kontroll

**03** Il-paragrafi 1 sa 7 tal-Artikolu 2, l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà li jridu jiġu ssodisfati sabiex jiġu riċevuti allowances għall-ulied dipendenti tal-UE. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 67 jiddikjara li “L-uffiċjali li jirċievu allowance tal-familja speċifikati f’dan l-Artikolu għandhom jiddikjaraw il-benefiċċji tal-istess natura mħallsa minn sorsi oħra; it-tali allowance[s] tal-aħħar għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Anness VII”.

**04** Aħna niġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm sistema ta’ kontroll biex tiżgura li l-PDE jiddikjaraw bidliet fl-intitolament tagħhom għal allowances għall-ulied, u kwalunkwe allowance ta’ natura simili li jirċievu minn xi mkien ieħor; u li tali allowances li jiġu riċevuti minn xi mkien ieħor jitnaqqsu debitament mill-allowances għall-ulied dipendenti tal-UE tagħhom.

## Rekwiżiti baġitarji

**05** Il-bidla proposta għar-rimunerazzjoni tal-PDE se tinvolvi żieda fin-nefqa. Aħna nosservaw li s-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni stmaw li din kienet f'ammont ta' inqas minn EUR 800 000 kull sena (qabel ma jitqies tnaqqis ta' allowances simili li jiġu riċevuti minn xi mkien ieħor, jew l-effetti possibbli fuq it-tnaqqis ta' żidiet eżistenti għall-paga tal-PDE f'ċerti Stati Membri). Dawn l-ispejjeż żejda se jkun meħtieġ li jitqiesu bħala parti minn diskussjonijiet baġitarji annwali fil-ġejjieni.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla V, immexxija mis-Sur Tony Murphy, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-21 ta' Lulju 2022.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Klaus-Heiner Lehne  
*Il-President*